**Avviż preliminari ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.11023 — ADP / JCDECAUX / MEDIA AEROPORTS DE PARIS JV)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2023/C 96/06)

1. Fit-8 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Aéroports de Paris S.A. ("ADP", Franza),

— JCDecaux S.E. ("JCDecaux", Franza),

— Media Aéroports de Paris (joint venture, "JV", Franza).

ADP u JCDecaux jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-JV.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— ADP: kumpanija responsabbli għall-iżvilupp, it-tħaddim u l-iżvilupp tal-ajruporti ta' Paris-Charles de Gaulle, Paris-Orly, Paris-Le Bourget u ċerti ajrudromi ċivili li jinsabu fir-reġjun ta' Ile-de-France u internazzjonalment,

— JCDecaux: grupp Franċiż attiv fir-reklamar estern madwar id-dinja.

3. L-attivitajiet se jkunu dawn li ġejjin: it-tħaddim u l-kummerċjalizzazzjoni ta' apparati ta' reklamar fl-ajruporti ta' Paris-Charles de Gaulle, Paris-Orly u Paris-Le Bourget (Franza), fl-ajruporti ta' Antalya u Bodrum-Milas (it-Turkija) u fl-ajruport ta' Queen Alia f'Amman (il-Ġordan).

4. Wara analiżi preliminari u mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni finali dwar dan il-punt, il-Kummissjoni ssib li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Dawn il-kummenti jeħtieġ li jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara id-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11023 — ADP / JCDECAUX / MEDIA AEROPORTS DE PARIS JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24 tad-29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

Commission européenne
Direction générale de la concurrence
Greffe des concentrations
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË